*Ikompli minn paġna 1*

gradwat fl-Edukazzjoni u fit-Teoloġija mill-Università ta' Malta; huwa kiseb ukoll diploma fl-*iSchool Counselling* u dan l-aħħar ħa ukoll id-diploma *fl-Education Administration and Management*.

Tul l-istudentat tiegħu, Fr Silvio kien jgħallem Matematika, Xjenza u Studju tal-Kompjuter, u wara li sar saċerdot baqa' jgħallem il-Fiżika u r-Religjon fil-kulleġġ għal numru ta' snin. Imbagħad ġie imsejjaħ biex ikun *Formator* tal-istudenti tas-Soċjetà, u wara Direttur tad-"Dar ta' San Ġużepp" f'Santa Venera. Bejn l-2001 u l-2007 huwa serva ta' Vigarju Reġionali f'Malta.

Lil Fr. Silvio minn qalbna nixtiqulu kull success u l-barka tal-Mulej fil-ministeru ġdid tiegħu.

**Dr. Robert Mangion LLD.**
**President Old Boys Ass.of SPMC.**

## Tfal fil-Ġermanja

Meta ħlomna li nieħdu lit-tfal tad-Dar ta' San Ġużepp għal mawra barra minn Malta , qatt ma bsarna li n-nies ser jaddottaw din l-ideja u fi ftit xhur jipprovdulna l-fondi biex inkunu nistgħu nagħmlu dan. Wara xhur ta' stennija, b'mod specjali mit-tfal, sifirna lejn il-Germanja fit-22 ta' Lulju. Qagħdna f'post jismu Allerheilegen, fil-Black Forest, grazzi għall-ospitalita tal-*Internation Catholic Programme for Evangalisation* (ICPE), u l-familja ta' Pat, Mark u Joshua Dol, li laqgħuna qisu f'darhom. It-tfal, fil-maggoranza tagħhom qatt ma kienu siefru u tpaxxew bin-natura, bl-attrazzjonijiet li raw, u bid-diversita li ltaqgħu magħha għall-ewwel darba. Fost l-oħrajn zorna l-Allianz Arena, il-ground tal-Bayern Munich , il-kastell ta' Neuswanstein, il-muntanja Titlis fl-Isvizzera, Strasbourg , u Europa Park , fejn it-tfal għexu gurnata li ma jinsewhiex malajr!



*Żewġt itfal igawdu l-ambjent sabiħ fejn marru*

Minn qalbi ngħid grazzi lill-benefatturi kollha tad-Dar ta' San Ġużepp, li għamlu din is-safra possibli: safra li fiha t-tfal raw mill-qrib kemm hemm min jaħseb fihom u jħobbhom.

**Fr. Frankie Cini mssp**
**Direttur tad-Dar ta' S. Ġużepp**



## Kif tafu ftit snin ilu waqqafna "Grupp ta' talb M.S.S.P"

### Dan għamilnieh għax nemmnu li t-talb għandu qawwa kbira quddiem Alla.

**Lil dawk li jagħmlu parti minn dan il-grupp tlabnihom jitolbu għal dawn l-intenzjonijiet:**

- **Għall- qdusija tal-membri  tas-Soċjetà**
- **Għall- vokazzjonijiet ġodda fi ħdan is-Soċjetà**
- **Ħalli meta jrid il-Mulej naraw lill- Fundatur fuq l-artali**

**Ikun mitlub joffri kuljum, il-quddiesa, t-tqarbina, r-rużarju u jgħid t- talba speċjali tal-"Grupp ta' talb m.s.s.p."**

**Min ikun membru ta' dan il-grupp:**
**Jieħu sehem fil-quddies, talb, sagrifiċċji, xogħol u suffraġi,  fil-ħajja u wara l-mewt, li jsiru mill-membri kollha tas-Soċjetà.**

**Min jixtieq ikun membru ta' dan il-grupp  jinfurmana u nibgħatlu ċertifikat ta' sħubija u t-talba tal-grupp. F'dan il-grupp ma jkollniex laqgħat ta' talb flimkien**

**SETTEMBRU 2009 / GĦADD 440**
**EDITUR: FR NORBERT BONAVIA MSSP**

# 50 Sena
# aħna lilkom



**ĦOLQA BEJN IL-ĦBIEB**
NEWSPAPER POST
**SOĊJETÀ MISSJUNARJA TÀ SAN PAWL: SANT'AGATA, RABAT, MALTA, TEL: 2145 4503 / STELLA MARIS, ŻEBBUĠ, GOZO, TEL: 2155 1159**

# Mill-kamp edukattiv għall-kamp missjunarju



Kemm dam rettur, huwa qasam ħajtu ma' mijiet kbar ta' studenti u l-familji tagħhom. Dan kien iqisu l-kamp pastorali tiegħu. Fr. Gerard tul dawn it-tletin sena mexxa l-kulleġġ tagħna fuq il-linji li bdew il-predeċessuri tiegħu; igifieri fuq tliet pilastri, l-istudenti, l-għalliema u l-ġenituri.

Fi żmienu l-kulleġġ mexa ferm 'il-quddiem. Kulħadd jaf bil-fama li jgawdi l-kulleġġ il-lum. Kien hu li daħħal l-istudju tal-computer fis-sena 1986 meta tista tgħid f'Malta l-ebda skola ma' kellha din l-opportunità. Bena l-laboratorji tal-bioloġija, fiżika u kimika, fejn kull student kellu l-opportunità li jagamel l-esperimenti għalih. Attrezza l-Awditorju tal-Kulleġġ b'dawl u sistema ta "sound" mill-aqwa. Fi żmienu wkoll bdiet l-"*exchange student scheme*" bejn l-istudenti tagħna u dawk Franċizi u Ġermanizi. Dan biex insemmu ftit mill-ħafna li għamel.

Għal bosta snin huwa okkupa il-kariga ta' segretarju tal-"Private Schools Association". Hawn ta wkoll il-kontribut tiegħu. Biżżejjed insemmu kemm ħadem biex l-eżamijiet  tad-dħul fl-iskejjel tal-knisja isiru kif nafuhom s'issa. Fis-sena 1984 u wara huwa kellu sehem importanti  biex intlaħaq ftehim bejn is-Santa Sede u l-Gvern Malti fir-riforma tal-edukazzjoni, u dan l-aħħar ma baqax lura biex jagħti sehemu fir-riforma tal-edukazzjoni li għaddejja bħalissa.

L-attendenza numeruża ta' tant studenti, "*Old Boys*", membri tas-Soċjetà, għalliema tal-kulleġġ, u l-familji tagħhom għal "*Farewell*" li inżammet fl-Auditorju fis-6 ta' Ġunju 2009 hija xhieda tal-gratitudni u rispett li aħna lkoll għandna lejn Fr Gerard.

Minn qalbna, ngħidu grazzi lil Fr. Gerard għal dak kollu li għamel fil-qasam tal-edukazzjoni f'Malta u nixtiqulu kull barka tal-Mulej fil-kamp ġdid missjunarju.

Minflok Fr. Gerard ġie nominat rettur Fr. Silvio Bezzina mssp, *Old Boy*, tal-istess kulleġġ. Fr. Silvio huwa

*Ikompli f'paġna 4*



Fr. Kola Schembri ma Fr. George Scerri




Fr. Alex Busuttil ma Fr. Victor Livori

# Ġublew tal-Fidda

Nhar it-Tnejn 29 ta ġunju Fr. Nicholas Schembri mssp li jinsab fil-parroċċa ta' San Pietru f´Aplao –Perú bħala vici kappillan, fakkar il-Ġublew tal Fidda Sacerdotali tiegħu b'quddiesa kon-ċelebrata. Miegħu kien hemm iqaddsu  Fr. George Scerri mssp il-kappillan tal-parroċċa u Fr.Jose' Lucchesi, il-kappillan  ta Corire li hija l-parroċċa viċin. L-omelija saret mill-kappillan ta Corire u l-kant kien immexxi mill-kor tal parroċċa. Il-knisja parrokkjali kienet imżejna kif jixraq għal okkażżjoni u in-nies imlew kull rokna li sabu.

Kif spiccat il-quddiesa  telgħu f'nofs il-knisja b'żewġ kejkijiet. Wieħed għal Fr. Kola u l-ieħor għal Fr. Scerri għax dik inhar kellu il-"Birthday".

Wara l-quddiesa, dawk preżenti, madwar elf ruh, kienu mistednin fil-bitħa tal-kulleġġ ta-parroċċa biex ikomplu jifirħu flimkien.

Fil-Peru' wkoll, imma din id-darba fit 30 ta' Ġunju Fr. Alex Busutill mssp  li bħalissa huwa l- kappillan tal- Parrocca Beata Tereża ta' Kalkutta f 'Cayma Arequipa fakkar  wkoll il-Ġublew tal-Fidda tas-Sacerdozju tiegħu.

Bħala radd il-ħajr lil Alla għal dan ir-rigal tas-saċerdozju huwa ċċelebra quddiesa  flimkien ma' ħafna minn sħabu li qed jaħdmu f'din l-art tal-missjoni.

Wara l-quddiesa Fr. Alex u Fr. Kola, li kien wkoll presenti għal din l-okkażjoni tant sabiħa, ircivew il-Barka tal-Papa u midalja ta' tal-fidda ta'San Pawl bid-dedika ta' din l okkażjoni.

Is-Sindku  ta' Cayma għamel diskors tassew sabiħ għal-okkażjoni, fejn wara li feraħ lil Fr. Alex u lil Fr. Kola u ippresentalhom diploma u midalja tal-okkażjoni huwa  rrikonoxxa publikament il-ħidma li qed iwettqu l-Fathers tagħna mhux biss f'Cayma imma f'kull post li qegħdin jaħdmu fil-Peru'.



# Il-Parroċċa tal-Imġarr

Għall-okkazzjoni tal-festa tat-Tlugħ is-Sema ta' Marija patruna ta' din il-parrocca u fis-sena d-dedikata lis-sacerdoti, il-kappillan il-Kan. Dun Antoine Borg, tana tlett **Boroż ta' Studju.** Tnejn mgħotijin minn żweġ individwi u oħra miġbura mill- parruccani, biex jgħinu l-studenti tagħna biex isiru saċerdoti u missjunarji.

Minn qalbna nirringrazzjaw lil kappillan u lil kull min għin, ta' dan il-ġest li jistà jkun ta' eżempju għal ħadd ieħor.

# Ġużeppi De Piro L-Imħabba



*Fit-tieni faxxiklu tal-Kostituzzjonijiet Oriġinali tas-Soċjetá Missjunarja ta' San Pawl, il-Fundatur jippreżenta l-voti u l-virtujiet li l-membri huma mistennija li jgħixu.  Fil-paġni 24-26, Mons De Piro, jikteb dwar il-karità.  Huwa jieħu silta mill-Ittra ta' San Pawl lill-Galatin (6:2) u xi biċċiet mill-Kantiku tal-Imħabba preżentat minn San Pawl fl-Ewwel Ittra tiegħu lill-Korintin (13:4-8), u jżid ma' dawn tal-aħħar xi kelmiet ma' kull waħda mill-istess biċċiet (iż-żidiet ta' De Piro huma preżentati bold).*

"L-unjoni u l-imħabba bejn il-membri tas-Socjetá ta' San Pawl tinkiseb u tinżamm billi lkoll jissapportu l-miżerji u d-difetti ta' xulxin, kif igħid San Pawl, "Ġorru l-piż ta' xulxin", u billi ma jfittxux l-interessi personali tagħhom, imma għall-kuntrarju l-ġid tal-oħrajn.  L-Appostlu Missierna jkompli jgħid li: "Il-karitá hi paċenzjuża," **għaliex bil-kalma tittollera l-ħsara li ssirilha.**  "Il-karità tħenn," **għax hi tpatti bil-ġid id-deni li jsirilha.** "L-Imħabba mhijiex għajjura," **għax hi ma tafx tgħir għal ebda ħaġa.** "L-Imħabba ma tintefaħx biha nnifisha," **għax hi ma tehdiex bil-ħwejjeġ esterni.**  "L-imħabba ma tagħmilx il-ħażin," **għax mhix inġusta, malizzjuża u ambizzjuża, għax għaliha Alla hu biżżejjed u lilu tgawdih internament.** "L-imħabba ma tfittixx dak li hu tagħha," **għax hi ma tikkunsidra xejn bħala tagħha għajr Alla biss.** "L-imħabba ma tinkurlax," **għax la tiftakar l-offiżi li jsirulha u lanqas tivvendika ruħha mill-inġurji li jsirulha.**  "L-imħabba ma żżommx f'qalbha għad-deni," **u tagħmel ħilitha biex taħseb dejjem it-tajjeb f'kulħadd.**

Fil-15 ta' Marzu 1932, il-Qaddej ta' Alla, Ġużeppi De Piro, ippreżenta fis-Seconda Aula tal-Qorti Ċivili ta' Malta t-testment sigriet tiegħu, fil-preżenza ta' Dottor Franġisku Buhagiar, l-Imħallef sedenti.  Dan it-testment ġie miftuħ u konsegwentement pubblikat fis-26 ta' Settembru 1933. Il-Qaddej ta' Alla talab li fost l-oħrajn jitniżżel dan il-kliem fit-testment tiegħu:

"Jiena rrid nitlob maħfra lil dawk kollha li setgħu forsi joffendu ruħhom b'xi azzjoni tiegħi, waqt li jien kont qed naqdi l-uffiċċju u x-xogħolijiet varji tiegħi.  Imma jekk saret xi offiża, nitlob lil min ġie effettwat biex jifhem li din kienet minħabba d-dgħufija tiegħi bħala bniedem u mhux għal xi mibegħda.

Lill-membri tas-Socjetá ta' San Pawl, mingħajr ebda distinzjoni, kemm jekk huma superjuri kif ukoll jekk huma sudditi, inħeġġiġhom biex jagħmlu ħilithom kollha biex jinħabbu bejniethom fi Kristu.  Huma għandhom ikunu persważi li xejn ma jistà jkun ta' glorja 'l Alla, ta' ġid għas-Socjetá, u ta' vantaġġ spiritwali għalihom infushom u għall-proxxmu aktar mill-imħabba li jżommuha b'għozza, skond il-kelmiet ta' San Pawl, Missierna: 'Hi l-imħabba li tibnina".



# Pellegrinaġġ ġewwa Lourdes

F'dan ir-ritratt jidhru xi wħud li għoġobhom jiġu magħna fil-pelegrinaġġ li għamilna din is-sena f'art sabiħa ta' Lourdes fejn il-Madonna dehret lil Santa Bernardetta. Permezz ta' dan il-vjaġġ dawk li ġew, barra li  kellhom il-grazzja li jitolbu u jmissu l-għar fejn dehret il-Madonna, kienu ta' għajnuna fix-xogħol tas-Soċjetà tagħna. Grazzi mill-qalb.